— Iva — qed tistenniek għat-tè.
— "Il-papà?"
— "Hareġ kmieni."
— "Kif? — Mhux hu li daħal bil-lejlnett? —
— "Iva, imma għodu għodu, sejħulu malajr.
— "Min?"

Delina resqet lejn xifer is-sodda u qaltilha bil-mod: — "Baghtu għalih malajr, il-papà u l-mamà ta' Reggie."
— "Tassew? U għalfejn?"
— "Xi ħass ħażin ikrah."
— "Min?"
— "La teħux qatgħa...milli jidher Reggie."

Mimì qabżet mis-sodda, xarrbet wiċċha, libset il-kimono, ħarġet mill-kamra, niżlet tiġri t-taraġ u daħlet fil-kamra tal-pranzu.

Ommha kienet qiegħda fuq pultruna f'rokna tal-kamra tqalleb, iktarx biex tqatta' ż-żmien milli b'dehwa jew b'ħajra, l-*Illustrated London News*, bin-nuċċali f'għajnejha tistenna lil bintha tinżel għat-tè, Fuq il-mejda l-kbira tal-kewba kien hemm tliet kikkri fuq doily, it-tettiera bil-"*cosy*" fuqha, dixx bil-ħobż imqatta' krustini, butiriera, zukkariera tal-metall abjad u gallettiniera tal-kristall bil-biskotti.

Mimì qagħdet bilqiegħda quddiem il-mejda bla ma tkellmet.
— "Wara dawra hekk twila mal-ħbieb, nistħajlek ma kellekx ħajra tqum......Ilbieraħ iddawwart ma dħalt, milli jidher..." infexxet tgħidilha ommha bla ma ċaqalqet għajnejha minn fuq il-ktieb.

— Qabditni x-xita fil-ġnien tat-trunċieri u qgħadt nistkenn sakemm siktet ix-xita...Int irqadt kmieni mamà...Kif int?" qalet minn taħt l-ilsien Mimì hija u tressaq il-kikkra tat-tè quddiemha u tferragħ il-ħalib.

— "Għandi rasi tqila"—wieġbet ommha.
— "Jien domt ma rqadt, ma'..."
— "Għaliex?"
— "Ma nafx, noħlom il-lejl kollu...bejn rieqda u m'iniex... Il-papà fejn hu?
— "Sejħulu malajr"
— "Malajr?...Min?"
— "Il-familja ta' Reggie..."
— "X'ġara?"
— "X'ġara...dak li kellu jiġri, binti...Eh! x'tistenna. Hekk kellu jkun..."



Mimì mejlet rasha ħosbiena fuq idejha l-leminija.

F'daqqa waħda nstemgħet iċ-ċempila tal-antiporta, u, wara ftit, daħal il-missier, it-tabib Gustav, wiċċ ta' swied il-qalb u għajnejh miksurin. Martu refgħet għajnejha minn fuq il-ktieb u ħarset lejh tistenna jgħidilha xi ħaġa. Imbagħad, wara li ratu jinxteħet, bla kliem xejn, fuq siġġu ta' ma' ġenb il-mejda u jagħti ħarsa minn taħt lil bintu li baqgħet b'rasha mgħaddsa ħosbiena... "Kif għadda?" staqsietu.

— "Ħażin"—weġibha, fil-waqt li resaq lejn il-mejda u xeħet rasu fil-keffa ta' idu x-xellugija kollu ħosbien... "Reggie ma jgħixx, il-velenu li xorob kien wisq qawwi, ħariġlu ħafna demm minn sidru... m'hemmx tama li jgħix..."

Mimì difnet wiċċha bejn idejha fuq il-mejda u nfexxet f'bikja.

---

# IS-SENA L-OĦRA

*Ta'* Pawlu Cachia

Għaddiet . . . .
  Għaddiet . . . .
  Spiċċat
  Mat-tifkiriet
  Tas-snin l-imgħoddija;
  Xejħet liż-żgħażagħ,
  Għarrqet lix-xjuħ,
  Kerrhet l-uċuħ
  Tas-sbieħ . . . .
  Mewtet il-ħajja
  Ġarrfitha fil-ġlied.

X'baqa' mis-sena:
  X-e-j-n . . . .
  Ġrajjiet koroħ . . . . koroħ . . . .
  Oħrajn ftit sbieħ:
  *Tebut Irmied.*

1. 1. 68.